

32002R2103

29.11.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 324/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2103/2002

tat-28 ta' Novembru 2002

li japprova operazzjonijiet biex tiġi vverifikata l-konformità ma' l-istandards tal-marketing li japplikaw għall-frott u ħaxix frisk imwettqa fl-Afrika t' Isfel qabel l-importazzjoni fil-Komunità Ewropea

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottobru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħaxix ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 545/2002 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1148/2001 tat-12 ta' Ġunju 2001 dwar il-verifiki fuq konformità ma' l-istandards tal-marketing kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru ⁽³⁾ kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2590/2001 ⁽⁴⁾, jistipula l-ħtijiet għall-approvazzjoni tal-verifiki tal-konformità mwettqa qabel l-importazzjoni lejn il-Komunità minn pajjiżi terzi li jitolbu hekk.
- (2) Fil-11 ta' Marzu 2002 l-awtoritajiet ta' l-Afrika t'Isfel bagħtu talba lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni ta' operazzjonijiet ta' verifika mwettqa mill-Bord tal-Kontroll ta' l-Esportazzjoni tal-Prodotti li Jitħassru (BKEPJ) taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-agrikoltura. Din tgħid illi l-istabbiliment in kwistjoni għandu l-impjegati, it-tagħmir u l-faċilitajiet meħtieġa biex iwettaq verifiki, li juża metodi ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001 u li frott u l-ħaxix frisk esportat mill-Afrika t' Isfel lejn il-Komunità jridu jissodisfaw *standards* ekwivalenti għall-*standards* tal-*marketing* tal-Komunità
- (3) L-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Memnri u fil-pussess tal-Kummissjoni turi illi, bejn l-1997 u l-2002, importazzjonijiet ta' frott u ħaxix frisk mill-Afrika t' Isfel ippreżentaw inċidenza relativament baxxa ta' nuqqas ta' konformità ma' l-istandards dwar il-kummerċ.
- (4) Rappreżentanti tas-servizzi ta' ispezzjoni ta' l-Afrika ta' Isfel huma parteċipanti regolari fi sforzi internazzjonali biex jiġu miftehma *standards* tal-*marketing* għall-frott u l-ħaxix fil-Kumitat ta' Ħidma dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti li Jitħassru u l-Iżvilupp tal-Kwalità tal-Kumitat Ekonomiku għall-Ewropa tal-Ġnus Magħquda (UNECE). L-Afrika t' Isfel qed tieħu wkoll sehem fl-iskema għall-Applikazzjoni ta' *Standards* Internazzjonali dwar il-Frott u l-ħaxix taħt l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD). Fl-aħħar, għal numru

ta'snin, is-servizzi ta' ispezzjoni ta' l-Afrika t' Isfel hađu sehem f' diversi konferenzi u attivitajiet ta' taħriġ organizzati minn diversi Stati Membri.

- (5) Il-verifiki dwar konformità mwettqa mill-Afrika t' Isfel għandhom għalhekk jiġu approvati b' effett mid-data li fiha l-kooperazzjoni amministrativa msemija fl-Artikolu 7(8) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001 tiġi stabbilita.
- (6) Il-miżuri provduti f' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni dwar il-Frott u Ħaxix Frisk.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-verifiki dwar konformità ma' l-istandards tal-*marketing* fil-frott u l-ħaxix frisk imwettqa mill-Afrika t' Isfel qabel l-importazzjoni fil-Komunità għandhom jiġu approvati skond it-termini stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001.

Artikolu 2

Dettalji dwar l-entitajiet uffiċjali korrispondenti u ta' l-ispezzjoni fl-Afrika t' Isfel imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001 huma mogħtija f'L-Anness I ta' dan ir-Regolament

Artikolu 3

Iċ-ċertifikati msemija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001, maħruġa wara l-verifiki msemija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, għandhom isiru fuq formoli konformi mal-mudell mogħti f'L-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mid-data tal-pubblikazzjoni fis-serje Ċ tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ta' l-avviż imsemmi fl-Artikolu 7(8) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001 dwar l-istabbiliment ta' kooperazzjoni amministrativa bejn il-Komunità Ewropea u l-Afrika t' Isfel.

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 156, tat-13.6.2001, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 345, tad-29.12.2001, p. 20.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2002.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

Korrispondent uffiċjali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001:

Dipartiment Nazzjonali ta' l-Agricoltura
DPHQ
Private Bag X258
Pretoria 0001
L-Afrika t' Isfel
Tel.: (27-12) 3196502
Fax (27-12) 3265606
Posta Elettronika: smph@nda.agric.za

Korp ta' Spezzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1148/2001:

PPCEB (Bord tal-Kontroll ta' l-Esport ta' Prodotti li Jitħassru)
Kaxxa Postali 15289
7500 Panorama, Parow
L-Afrika t' Isfel
Tel.: (27-21) 9301134
Fax (27-21) 9306046
Posta Elettronika: ho@ppecb.com

L-ANNEX II



APS03

Mudell taċ-ċertifikat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7(3) tar-Regolament KE) Nru 1148/2001**REPUBBLIKA TA' L-AFRIKA T' ISFEL**

BORD GĦALL-KONTROLL TA' L-ESPORTAZZJONI TA' PRODOTTI LI JITĦASSRU

STANDARDS DWAR PRODOTTI AGRIKOLI

ĊERTIFIKAT TA' ISPEZZJONI GĦALL-ESPORTAZZJONI

Maħruġ skond ir-regolamenti dwar il-kontroll ta' l-esportazzjoni ta' xi prodotti, ippubblikat skond it-taqsim 15 tal-Att dwar l-*Standards* ta' Prodotti Agrikoli, 1990 (Att Nru 119 ta' l-1990).

Maħruġ mill-PPECB li ġie deżinjata mill-Ministeru għall-Agrikultura bħala Assenjatarju skond it-taqsim 2(3)(a) ta' l-imsemmi Att rigward xi prodotti maħsuba għall-esportazzjoni.

Data ta' validita': Numru serjali:

Isem ta' l-Esportatur	Kodiċijiet PUC	Proċessar klassifikat	Prodott/kultivar	Numru ta' pakketti jew piż jekk meħtieġ ⁽¹⁾

Numru ta' pakketti/Piż fi kliem:

Numru/i tal-kontenitur(i)

B' dan huwa ċertifikat li l-kampjuni tal-prodotti speċifikati hawn ġew ispezzjonati u, fil-ħin ta' l-ispezzjoni ikkonformaw ma' l-*standards* u l-ħtiġijiet speċifikati ai termini tat-taqsim 4(3) ta' l-Att dwar l-*Standards* ta' Prodotti Agrikoli,

Pajjiż ta' l-orijini: Pajjiż tad-destinazzjoni: Post tal-konsenja:

Mezz ta' trasport: Ajru Baħar Triq Vettura:

Timbru ta' ispezzjoni	Ispettur:
	Data ta' l-ispezzjoni:
	Firma:

Kull persuna li taltera dan iċ-ċertifikat jew tagħmel dokument jew iġġiegħel li jsir dokument li jġib lillu nnifsu bħala dan iċ-ċertifikat huwa ħati ta' offiża skond l-Att dwar l-*Standards* ta' Prodotti Agrikulturali, 1990.

⁽¹⁾ Ħassar kif meħtieġ.